**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 9 TA' APRIL, 2002

**Numru: 19**

**Avviz Nru: 1462/01AE**

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Norwich Union International Insurance Ltd kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurata taghha Josephine Saliba abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-ligi u l-istess Josephine Saliba**

**Vs**

**Francis Pace**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' sitt mija u wiehed u hamsin lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm651.42), hlas li jirraprezenta danni

sofferti mill-assikurata tas-socjeta attrici u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta attrici, salv ghal excess ta' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm125) imhalla mill-istess Josephine Saliba, bhala rizultat ta' l-incident tat-traffiku li sehh fl-24 ta' Ottubru 2000 gewwa Triq San Pietru, Kirkop bejn il-vettura propjeta ta' l-attrici Josephine Saliba bin-numru HAL 215 u vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru FAF 868, ghal liema incident huwa responsabbli l-konvenut.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenut (fol. 8) u li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-partijiet.

Ra l-atti tal-kawza.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

1. Il-kawza odjerna titratta dwar incident tat-traffiku li sehh bejn trukk bin-numru ta' registrazzjoni FAF 868 u l-vettura tal-marka Fiat Uno bin-numru ta' registrazzjoni HAL 215 misjuqa mill-attrici.

2. L-incident sehh gewwa Triq San Pietru, Kirkop vicin ir-roundabout wara li tohrog minn taht il-mina li hemm hdejn l-ajruport nazzjonali.

3. L-attrici xehdet li:

- Meta kienet ghaddejja minn taht il-mina, it-trukk misjuq mill-konvenut kien quddiemha fit-triq;

- Kienet qeghda ssuq fil-lane ta' barra;

- Meta waslet vicin ir-roundabout, it-trukk kien ghadu quddiemha;

- Il-hsara fil-vettura taghha saret fuq in-naha tax-xellug (ara dokument FE2);

- Ma tiftakarx lis-sewwieq tat-trukk jaghmel xi sinjali;

- Kienet waslet biex tohrog mit-tunnel meta l-karrozza taghha kienet lehqet in-nofs tat-*trailer*;

- Taqbel ma l-iskizz li sar mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga dan il-kaz.

4. Il-konvenut xehed li:

- Kien qieghed isuq fil-karreggjata ta' gewwa;

- Meta wasal biex jaqbad ir-roundabout hares fil-mera fuq il-lemin tieghu izda ma ra xejn;

- Fl-ebda hin ma ra l-karrozza ta' l-attrici tipprova taghmel manuvra ta' sorpass;

- Kien biss wara li semgha hoss ta' "tkaxkir" li hares fil-mera tal-gemb u ra l-vettura ta' l-attrici;

- Meta sehh l-incident kien diga' qabad idur mar-roundabout;

- Kien xeghel l-indicator sabiex jindika lill-vetturi ta' warajh li kien ser idur mar-*roundabout*;

- L-ahhar darba li hares fil-mera kien xi mija u ghoxrin pied il-boghod, *"kienet il-boghod tul ta' zewg trailers"*;

- Jaqbel ma' l-iskizz li sar mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga dan il-kaz.

5. Mill-provi rrizulta wkoll li:

- It-trukk misjuq mill-konvenut kien twil tnax-il metru twil.

- Il-vettura tal-attrici giet milquta mill-parti ta’ wara tat-trukk (proprju fejn hemm id-*double wheel* ta’ wara).

6. It-Tribunal irid jiddecidi fuq il-principju li min jallega irid jipprova, in kwantu l-prova *‘incubit ei qui dicit non ei qui negat’*; *“il-gudikant fil-kamp civili ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex u mhux fuq semplici possibiltajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed bhala li hija bazata fuq preponderanza tal-probabiltajiet”* (**E. Zammit vs E. Petrococchino** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fil-25 ta’ Frar 1952). Mill-provi rrizulta bl-iktar mod cjar li t-trukk kien f’kull waqt quddiem il-vettura misjuqa mill-attrici. It-Tribunal, li kellu l-opportunita’ li jisma’ x-xhieda taz-zewg sewwieqa *viva voce,* huwa tal-fehma li l-attrici ma rnexxilhiex tipprova li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident. Anzi fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz (b’enfazi fuq il-konfigurazzjoni tat-triq fejn sehh l-incident, il-kobor tat-trukk misjuq mill-konvenut, u l-fatt li l-vettura tal-attrici kienet tinsab vicin in-naha ta’ wara tat-trukk), zgur li ma kienx prudenti min-naha ta’ l-attrici li ssuq ma’ gemb trukk misjuq mill-konvenut. Sewwieq ta’ vettura ghandu dejjem izomm *“at a safe distance”* minn trukk ta’ dak il-kobor, li wiehed jifhem li jkollu certu diffikulta meta jigi biex jimmanuvra *roundabout*. Bis-sewqan taghha l-attrici qeghdet lilha nnifisha f’sitwazzjoni perikoluza

tali li meta giet rinfaccjata b'emergenza subitaneja ma setghetx tiehu azzjoni evaziva.

7. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenut ghandu wkoll responsabbilta, in kwantu fi kliemu stess l-ahhar darba li hares fil-mera tal-gemb ta' barra kien xi mija u ghoxrin pied qabel ma sehh l-incident. Huwa xehed li fl-ebda hin ma ra l-karrozza ta' Josephine Saliba *"tipprova taqbez"*. Fi kliemu nduna bl-incident ghaliex semgha hoss (mhux ghaliex hares), u kien f'dak il-hin li hares fil-mera tal-gemb u ra l-vettura ta' l-attrici. Kieku kien qieghed izomm *proper lookout* kien jara l-vettura ta' l-attrici fuq il-lemin tieghu fiz-zmien opportun b'mod li bi probabilta l-incident ma kienx isehh. Mill-iskizz jirrizulta wkoll li wara l-incident it-trukk ma waqafx mill-ewwel, fattur li jkompli jikkonferma kemm is-sewwieq ma kienx attent ghat-traffiku li setgha kien warajh. Il-fatt li l-konvenut xeghel l-indicator ma jiskolpahx; *"the drivers' duty is not confined to making signals; he must see so far as he can that they have been understood"* (Gibb, *Trial of Motor Car Accident Cases*, 101). Mill-iskizz jirrizulta li l-konvenut ried imur lejn Hal Kirkop, u mhux idur mar-*roundabout* sabiex imur fl-istess direzzjoni ta' l-attrici. Skond ir-regolament numru 222 tal-Kodici tat-Traffiku: *"meta tkun ser tibqa' sejjer dritt: avvicina r-roundabout fil-moghdija tax-xellug* ***zomm ma' din il-moghdija fir-roundabout****. Jekk is-sitwazzjoni ggieghlek taghmel mod iehor (ez. Jekk il-moghdija tax-xellug tkun imblukkata), avvicina fil-moghdija tal-lemin; zomm din il-*

*moghdija fuq ir-roundabout. Jekk l-istess roundabout tkun hielsa minn traffiku iehor, aghzel l-iktar moghdija konvenjenti biex tghaddi minn mar-roundabout".*

8. Wara li qies il-provi li tressqu quddiemu, it-Tribunal qieghed jiffissa r-responsabbilta tal-konvenut f'proporzjon ta' tletin fil-mija (30%).

9. Rigward id-danni reklamati, ma saret l-ebda kontestazzjoni u fil-fehma tat-Tribunal dwan gew sodisfacentement provati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi:

1. Jiddikjara liz-zewg sewwieqa responsabbli ghall-incident li sehh fl-24 ta' Ottubru 2000 gewwa Triq San Pietru, Kirkop f'proporzjon ta' sebghin fil-mija (70%) tort ta' l-attrici u tletin fil-mija (30%) tar-responsabbilta qeghda tigi akkollata fuq il-konvenut.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' mija u hamsa u disghajn lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm195.42), in kwantu ghal Lm158.42 lis-socjeta attrici u Lm37 lill-attrici Josephine Saliba.

Bl-imghax mil-lum, u l-ispejjez (inkluzi d-drittijiet legali) jinqasmu skond il-proporzjon tar-responsabbilta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**